# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001.**

**Numru 23**

**Citaz. numru 290/89 JDC**

**Cecil Pace u Henry Pace**

**vs**

**Carmelo Grech f'ismu proprju u George Grech u Carmelo Grecgh bhala diretturi tas-socjeta' Skylim Limited u Horizon Properties Limited u b'digriet tat-23 ta'Mejju 1990, gie kjamat fil-kawza Emanuel Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Kontrollur tas-socjeta' Universal Investments Company Limited, Maltese Properties Limited u M.I.D.C. Limited**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi personalment ipprocedew kontra l-konvenut proprio et nomine b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"L-atturi, wara li ppremettew illi huma kredituri u kienu azzjonisti tramite s-socjeta' taghhom M.I.D.C. Limited fis-socjeta' Skylim Limited liema ishma gew mibjugha lil Grech & Company Limited u Horizon Properties Limited fil-21 ta' Awissu 1997 ; u

Premess illi fil-21 ta' Awissu 1975, mill-prezz ta' bejgh ta' sittax-il appartament maghrufa bhala Skylim Flats f'tal-Pieta' u plot maghrufa bhala ta' Lasandrika kif ukoll hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' deposit account li kellha s-socjeta' Skylim Limited mal-B.I.C.A.L. li gew mibjugha lill-Horizon Properties Limited, giet depozitata somma minn Carmelo Grech f'fixed deposit account fl-isem ta' Carmelo Grech, liema ammont huwa dovut lill-atturi bhala self lis-socjeta' Skylim Limited u dan l-ammont ghadu ma thallasx mill-konvenuti proprio et nomine lill-atturi ghalkemm interpellati.

L-istess atturi talbu li dina l-Qorti :-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti proprio et nomine huma responsabbli jaghtu lura s-somma dovuta lill-atturi li kienu taw self lis-socjeta' Skylim Limited flimkien mal-imghaxijiet legali relattivi, liema ammont jigi likwidat b'gudizzju separat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti proprio et nomine."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut proprio et nomine hekk eccepixxa :-

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi skond ma jirrizulta mill-kuntratt pubblik tal-21 ta' Awissu 1975, il-prezz thallas kompletament ;

2. Illi huwa minnu illi fis-27 ta' Awissu 1975, giet depozitata s-somma ta' Lm7,000 f'kont fiss f'bank lokali f'isem il-konvenut Carmelo Grech izda dan abbazi ta' ftehim li gie raggunt bejn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ghan-nom tas-socjetajiet Universal Investments Co. Ltd., Maltese Properties Ltd, u M.I.D.C. Ltd, u s-socjeta' konvenuta Skylim Ltd, u f'dan il-ftehim l-atturi ma huma bl-ebda mod parti jew imsemmija u ghaldaqstant huma ma

jistghux jippromwovu l-azzjoni odjerna stante li ma ghandhom ebda interess guridiku fl-esitu tal-kawza ;

3. Illi din il-kawza trid timxi anke fil-konfront tal-imsemmija socjetajiet li, bhala parti fil-ftehim fuq imsemmi, ghandhom interess fl-ezitu taghha ;

4. Illi f'kull kaz, skond il-ftehim fuq imsemmi "is-somma u l-imghaxijiet jithallsu lil min jigi definittivament deciz li jappartjenu" u l-esponenti lest joqghod ghad-decizjoni ta' dawn il-Qrati, izda m'ghandux ikun responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza."

**<u>KJAMATA FIL-KAWZA B'DIGRIET TAT-23 TA' MEJJU 1990</u>**

L-allura Qorti tal-Kumerc irrikjamat fil-kawza lil Emanuel Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Kontrollur tas-socjetajiet Universal Investments Company Limited, Maltese Properties Limited u M.I.D.C. Limited.

**<u>ECCEZZJONIJIET TAL-KJAMAT FIL-KAWZA</u>**

Il-kjamat fil-kawza Emanuel Bonello nomine eccepixxa illi hu ma kellu ebda relazzjoni gjuridika la mal-atturi u lanqas mal-konvenuti proprio et nomine u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gjudizzju.

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tas-16 ta' Novembru 1994, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza billi :-

1. cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti proprio et nomine

2. cahdet l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza

3. laqghet it-talba tal-atturi kif dedotta

4. ordnat li l-ispejjez tal-atturi jithallsu kwantu ghan-nofs mill-konvenuti Grech proprio et nomine u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-kjamat fil-kawza waqt li l-ispejjez l-ohra jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha wara li ghamlet riferenza ghal relazzjoni maghmula mill-Perit Legali l-Avukat Dr. Philip Manduca minnha nominat biex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li kellhom x'jaqsmu mal-kaz.

> "Il-Perit Legali rrelata testwalment hekk :-
>
> "Carmelo Grech qal fix-xhieda tieghu li nista' nghid li hu li nikkonferma li kien hemm il-loan li kienu ghamlu l-ahwa Pace personalment lil Skylim Limited ............... u jiena staqsejt lill-Avukat Mifsud Bonnici x'ser naghmel bihom u fuq rikjesta tieghu stess imbaghad ghamilthom jiena stess go fixed account ........... Jiena effettivament ma kelli ebda oggezzjoni li ma nghatix dawn il-flus lill-ahwa Pace ............... il-bilanc kien ta' Lm7,000 ..................

Fix-xhieda tieghu (il-kjamat in kawza) Emanuel Bonello xehed li l-ammont ma setax jigi distribwit validament billi flus ta' depositanti tal-BICAL gie "channelled" f'diversi socjetajiet assocjati. F'din il-kawza ma hemm ebda evidenza ta' l-istess "channelling" u ghalhekk l-esponent se jastjeni milli jikkummenta dwar l-istess.

Qabel ma gie kjamat fil-kawza Emanuel Bonello xehed li s-Lm7000 japparjeni lill-atturi.

Ghaldaqstant jidher li hemm qbil sostanzjali bejn il-partijiet li fil-fatt l-atturi kienu ghamlu self lis-socjeta' Skylim Limited u li l-konvenuti huma responsabbli li jaghtu lura s-somma dovuta lill-atturi.

Illi fil-fatt il-flus qeghdin depozitati f'isem il-konvenut Carmelo Grech personalment. Huwa minnu li Emanuel Bonello xehed li "din il-figura tirrapprezenta bilanc li jidher li ma setax jigi distribwit validament u in vista tal-fatt li diversi depadituri tal-BICAL flushom gew kanallizzati minn Cecil Pace f'uhud mis-socjetajiet assocjati mal-BICAL. L-esponent pero' ma ghandux prova ta' din l-allegazzjoni u ghalhekk ma hux ser jiehu konjizzjoni ta' l-istess.

Dwar l-eccezzjonijiet ta' Emanuel Bonello l-esponent jissottometi li fir-rikors tal-konvenut gie mitlub li Emanuel Bonello jigi kjamat-in-kawza fil-kwalita' tieghu ta' Kontrollur tas-socjeta' Universal Investments Company Limited, Maltese Properties Limtied u MIDC Limited. Emanuel Bonello eccepixxa li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika la mal-atturi u lanqas mal-konvenuti. Billi ma ngabux provi dwar ir-relazzjoni guridika li suppost kellu Emanuel Bonello mal-partijiet l-esponent jissottometi li din l-eccezzjoni hija gustifikata.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant l-esponent in vista tal-premess jissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti, tilqa' l-eccezzjoni tal-kjamat-in-kawza u tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti proprio et nomine huma responsabbli jaghtu lura s-somma dovuta lill-atturi liema ammont l-atturi kienu taw self lis-socjeta' Skylim Limited flimkien mal-imghaxijiet legali relattivi, liema ammont jigi likwidat b'gudizzju separat."

Illi din il-Qorti tikkondividi l-opinjoni tal-Perit li t-talba tal-atturi, kif dedotta fl-att tac-citazzjoni, ghandha tigi milqugha, billi giet debitament ippruvata.

> Taqbel ukoll li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Grech ghandhom jigu michuda. Pero' ma tistax taqbel, bir-rispett mal-Perit Legali li l-eccezzjoni tal-kjamat-in-kawza ghandha tigi milqugha. Emanuel Bonello gie citat fil-kwalita' tieghu ta' Kontrullur tas-socjeta' Universal Investments Company Limited, Maltese Properties Limited u MIDC Limited. F'din il-kwalita' huwa ssuccieda l-predecessur tieghu Dottor Carmelo Mifsud Bonnici. Irrizulta mill-atti (ara fol 35) li dan il-Kontrollur ghamel ftehim ma' Carmelo Grech (ghan-nom ta' Skylim Limited) fis-27 ta' Awissu 1975, li bis-sahha tieghu ftehmu li s-somma in kwistjoni ta' Lm7,000 titpogga f'depozitu bankarju fiss f'isem Carmelo Grech personalment, izda minghajr huwa ma jkollu dritt ghas-somma, bl-imghaxijiet jibqghu jikkumulaw mas-somma. Gie miftiehem ukoll li :
>
> "s-somma u l-imghaxijiet jithallsu lil min jigi definitivament deciz li jappartjenu aktar 'il quddiem".
>
> Din l-iskrittura ma thalli ebda dubbju li bejn il-kjamat-in-kawza u bejn Carmelo Grech kemm proprio u kemm ukoll nomine kien hemm xi relazzjoni guridika u ghalhekk l-eccezzjoni tal-kjamat-in-kawza ma tistax tintlaqa'."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Carmelo Grech proprio et nomine. Hu hass ruhu aggravat mill-kundanna bis-sentenza appellata li jirrifondi l-flus u l-imghaxijiet legali u li jhallas parti mill-ispejjez. Fuq daqshekk interpona appell minn din il-Qorti.

Jissottometti li ma kellux jigi kundannat jirrifondi l-flus u bl-imghaxijiet legali u lanqas li jhallas parti mill-ispejjez ghaliex hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-flus depozitati u ghamel biss dak kollu li ghamel il-Kontrollur billi ddepozita l-flus f'kont fiss f'Bank lokali, li fuqu akkumulaw l-imghax u zammhom hemm sakemm inghata direzzjoni lil min kelhom jithallsu.

L-appellant proprio et nomine jissottometti illi hu minn dejjem irrimetta ruhu ghal kull decizjoni li setghet taghti l-Qorti dwar min kien intitolat li jircievi dawn il-flus u f'dan ir-rigward ghamel dak li ddirigieh li jaghmel il-Kontrollur kjamat f'din il-kawza. Konsegwentement hu ma kellux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri. Lanqas kellu jigi kundannat illi jhallas imghax in eccess ta' dak li kien hallas il-Bank fuq il-kont fiss fejn kien iddepozita l-kapital. Fil-fatt li kieku l-flus iddepozitahom il-Qorti ebda sold imghax ma kien jakkumula fuqhom.

Jekk kienet saret xi haga irregolari ir-responsabbilita' kellha tkun tal-Kontrollur ghaliex l-appellant proprio et nomine ma kellu x'jaqsam xejn mal-flus u lanqas ried ikollu x'jaqsam. Minn naha tieghu l-Kontrollur jirrispondi illi hu jaqbel li l-appellanti ma setax jigi kundannat ihallas imghax legali stante li dawn huma b'rata ghola minn dak li jaghti l-Bank u l-ftehim bejn il-partijiet koncernati kien fis-sens illi l-appellant kien qieghed izomm dawn il-flus f'ismu izda f'kont bankarju fiss u l-imghax tal-Bank kellu jakkumula mal-kapital u eventwalment "a chi spetta" bejn l-atturi u l-konvenut nomine.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, il-Kontrollur jissottometti li kien ikun aktar eku u gust li kieku atturi kellhom jigu akkolati bl-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz id-dritt tar-Registru, stante li kienu huma li ma zammewx l-affarijiet taghhom kif suppost u kien minhabba t-tahwid taghhom li

inqalghet in-necessita' li sar dak li sar dwar dawn il-flus u cioe' d-depozitu bankarju. Konsegwentement l-ebda wiehed mill-konvenuti u/jew il-kjamat fil-kawza ma kellhom ibatu xi spejjez f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellanti kien pjenament gustifikat fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Gie pjenament pruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza illi l-appellanti proprio et nomine kienu agixxew ezattament fuq l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mill-Kontrollur kjamat fil-kawza. Huma kienu fil-fatt iddepozitaw l-ammont kapitali f'kont fiss f'Bank ezattament kif kellhom istruzzjonijiet li jaghmlu mill-istess Kontrollur, persuna awtorizzata bil-ligi proprju biex tindaga dwar is-sitwazzjoni finanzjarja mhux biss tal-B.I.C.A.L. u s-socjetajiet l-ohra assocjati imma wkoll tal-atturi personalment. Kien jispetta allura lill-konvenut proprio et nomine illi jagixxi skond id-direttivi lilu moghtija biex ikun konformi mal-ligi. Certament allura ma jista' bl-ebda mod ikun tenut responsabbli biex jissaporti xi parti mill-ispejjez ta' dawn il-proceduri li ma gew bl-ebda mod provokati minn xi nuqqas da parti tieghu. Dana multo magis meta jirrizulta illi l-istess Kontrollur ma jikkontestax il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess konvenut proprio et nomine appellant li mill-atti kkonferma illi dan kien agixxa kif agixxa fuq struzzjonijiet specifici minnu lilu moghtija.

Din il-Qorti lanqas tara li hija gjustifikata s-sottomissjoni tal-Kontrollur illi l-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jithallsu mill-atturi u jidher li kienu

huma li ma zammewx l-affarijiet taghhom kif suppost. Kienet allura minhabba f'hekk illi kienet inqalghet il-htiega li sar dak li sar bil-flus in kwistjoni. Minn imkien mill-provi ma tohrogx din il-konnessjoni bejn il-malamministrazzjoni da parti tal-appellati f'aspetti ohra tan-negozju taghhom u l-prezenti kreditu tal-atturi li dwaru l-partijiet kollha, inkluz allura l-Kontrollur, qablu li kien jikkonsisti f'semplici self lis-socjeta' Skylim Limited dovut minn din is-socjeta' lill-atturi personalment.

Il-Kontrollur ma kien bl-ebda mod gjustifikat illi jaghti direttivi lill-konvenut proprio et nomine biex ma jhallasx lill-atturi dak li kien lilhom kjarament dovut u biex dan jiddepozitahom f'kont bankarju f'isem l-istess Carmelo Grech personalment. Dana meta l-istess Emanuel Bonello, Kontrollur, xehed illi l-ammont jirraprezenta bilanc li ma seta' qatt jigi validament distribwit lid-depozituri tal-B.I.C.A.L. billi ma kienx jirrizulta li seta' jifforma parti mill-attiv ta' dak il-Bank. Cirkustanza din li hi msahha mill-eccezzjoni tal-istess Kontrollur li huwa ma kellu ebda relazzjoni gjuridika la mal-atturi u lanqas mal-konvenuti in rigward ta' dan in-negozju. Xieraq allura li l-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati mill-Kontrollur. Infatti din il-Qorti kienet fil-korsa tat-trattazzjoni tal-appell informata illi l-Kontrollur kien preparat li hekk jaghmel. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk milqugh.

Fir-rigward tal-aggravju dwar id-differenza fl-imghax bejn dak legali u dak akkumulat fuq is-somma kapitali meta din giet depozitata f'kont fiss

bankarju, din il-Qorti tifhem illi l-ftehim bejn l-appellant proprio et nomine u l-Kontrollur kien, ghall-appellati, res inter alios acta. Konsegwentement dan il-ftehim la seta' jiggovahom u lanqas jippregudikahom. Huma certament kellhom dritt ghall-hlas tal-imghax mid-data li fiha huma nterpellaw lill-konvenut proprio et nomine biex ihallas il-kapital lilhom dovut u. f'kaz li jibqa' inadempjenti, li jithallsu imghax li jiddekorri fuqu. Imghax li kellu jigi kalkulat bir-rata legali u li kien dovut mill-konvenut proprio et nomine li mieghu kellhom relazzjoni gjuridika li holqot dan il-kreditu. Fir-rigward tal-hlas tal-imghax, din il-Qorti tasal allura ghall-konkluzjoni illi s-sentenza appellata kienet korretta u dana filwaqt li tirriserva lill-konvenut proprio et nomine kull dritt lilu rispettanti kontra l-Kontrollur f'dan ir-rigward si et quatenus.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenut proprio et nomine billi <u>tichdu</u> fir-rigward tal-aggravju dwar il-hlas tal-imghax u f'dan tikkonferma s-sentenza appellata u <u>tilqghu</u> in kwantu jirrigwarda l-kap tal-ispejjez billi tirrevokaha fejn ikkundannatu jhallas nofs l-ispejjez tal-kawza u tiddeciedi minflok illi l-ispejjez kollha tal-kawza fil-prima istanza kellhom jithallsu mill-kjamat in kawza. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom jithallsu minn nofs bejn il-konvenut proprio et nomine u l-kjamat fil-kawza. Hekk din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata.

Dep/Reg

mg